MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 238/2013

**Avukat Dottor Keith A. Borg LL.D., detentur tal-Karta tal-Identita` numru 56282(M) bhala mandatarju specjali ta` Thermaikos Shipping & Trading Ltd., socjeta` estera nkorporata taht il-Ligijiet tal-Grecja bir-riferenza 420580060000 b`indirizz ta` 4 Katouni Str., GR.546 25, Thessaloniki, Grecja**

***kontra***

**Il-Bastiment Triantafillos M**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta` Marzu 2013 li jaqra hekk–

*1. Fiz-zmien bejn il-hdax (11) ta` Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-erbatax (14) ta` Settembru tal-istess sena, is-socjeta` rikorrenti ssupliet il-bastiment konvenut b`dawk il-hwejjeg u kif ukoll irrendiet lill-istess bastiment dawk is-servizzi kif elenkati fil-fattura datata hmistax (15) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) – Dok. 'A';*

*2. Kif jidher mill-istess Dok. 'A', il-valur tal-hwejjeg suppliti u servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti kien dak ta` hmistax-il elf sitt mija tlieta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (EUR15,633.92);*

*3. Minkejja diversi nterpellanzi, il-bastiment konvenut baqa` inadempjenti; is-socjeta` rikorrenti kellha ghalhekk tinkariga lill-avukat Georgis Anagnostopoulos sabiex jipprestilha dawk is-servizzi professjonali necessarji biex l-istess socjeta` rikorrenti tkun tista` tezigi l-kreditu taghha. Is-socjeta` rikorrenti, in konnessjoni ma` tali servizzi, hallset is-somma ta` tmien mija hamsa u tmenin Euro u sittin centezmu (EUR855.60) – Dok. 'B';*

*4. Peress illi ma sar ebda hlas in konnessjoni mal-fattura surriferita, is-socjeta` tikorrenti kellha bilfors tipprocedi kontra l-bastiment konvenut permezz ta` mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar (mandat numru 244/2013) u permezz tal-proceduri odjerni;*

*5. Ir-rikorrenti nomine jaf personalment b`dawn il-fatti kollha.*

*Raguni tat-talba*

*1. Ghar-ragunijiet premessi kellhom jigi stitwiti dawn il-proceduri.*

***Jghid ghalhekk il-bastiment konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:***

*1) tiddikjara illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma komplessiva ta` sittax-il elf hames mija u dsatax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (EUR16,519.52) rapprezentanti din is-somma kwantu ghall-ammont ta` hmistax-il elf sitt mija tlieta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (EUR15,633.92) valur tal-hwejjeg suppliti u servizzi rezi skont il-fattura datata hmistax (15) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u kwantu ghall-ammont ta` tmien mija hamsa u tmenin Euro u sittin centezmu (EUR885.60) rapprezentanti drittijiet legali mhallsa mis-socjeta` rikorrenti kif fuq spjegat;*

*2) tiddikjara illi l-bastiment konvenut huwa responsabbli ghall-hlas lis-socjeta` rikorrenti tas-somma komplessiva ta` sittax-il elf hames mija u dsatax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (EUR16,519.52);*

*3) konsegwentement tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta` sittax-il elf hames mija u dsatax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (EUR16,519.52).*

*Bl-imghax mid-data illi l-ammont mitlub sar dovut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar (mandat numru 244/2013) kontra l-bastiment konvenut, u bl-ingunzjoni tal-istess ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent noe u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi l-intimat baqa` ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk tqies minn din il-Qorti fi stat ta` kontumacja.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum, il-konvenut ma deherx.

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-rikorrent noe fl-udjenza tal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati skond il-ligi, din il-Qorti qieghda, fil-kontumacja tal-konvenut, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1) Tiddikjara illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma komplessiva ta` sittax-il elf hames mija u dsatax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (€16,519.52) rapprezentanti din is-somma kwantu ghall-ammont ta` hmistax-il elf sitt mija tlieta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€15,633.92) valur tal-hwejjeg suppliti u servizzi rezi skont il-fattura datata hmistax (15) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u kwantu ghall-ammont ta` tmien mija hamsa u tmenin Euro u sittin centezmu (€885.60) rapprezentanti drittijiet legali mhallsa mis-socjeta` rikorrenti kif fuq spjegat;**

**2) Tiddikjara illi l-bastiment konvenut huwa responsabbli ghall-hlas lis-socjeta` rikorrenti tas-somma komplessiva ta` sittax-il elf hames mija u dsatax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (€16,519.52);**

**3) Tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta` sittax-il elf hames mija u dsatax-il Euro u tnejn u hamsin centezmu (€16,519.52), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------